MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 52/1981/1

Rikors Nru: 52B/1981

Angelo Cutajar u b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2004 stante l-mewt ta' Angelo Cutajar fil-11 ta' Settembru 2003 assumew l-atti wliedu werrieta tieghu Paul, Marianna, Carmelo, Philip, Francis, Antoinette mart Nicola Cutajar, Isabelle mart Alexander Farrugia, Marie Louise mart Joseph Farrugia, Emma sive Emanuela, Nicolette u Raymond

vs

Angela Zerafa u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2003 stante l-mewt ta' Angela Zerafa assumew l-atti Joseph Zerafa, Philip Zerafa, Lilian Fenech, Alfred Zerafa u Maria Bugeja wlied il-mejjet Emanuel Zerafa u Mario Assunta Zerafa u Michael Zerafa, Alfred Zerafa, Angela Galea u Hilda Kitcher

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Novembru, 1981 fejn espona:

Illi huwa jikri lill-intimat ghalqa maghrufa Tal-Hrejja, limiti tal-Hrieni, fl-Ghaqba, Haz-Zebbug bil-qbiela ta' Lm5.00,0 (hames liri Maltin) jithallsu kull sena b'kura l-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 1982.

Illi l-esponenti ghandu bzonn jirrizumi l-pussess tar-raba fuq imsemmija ghax ghandu bzonnu ghalih u billi l-intimat rehieh zdingat;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba' fuq imsemmija mill-poter tal-intimat, li jigi ffissat terminu qasir u perentorju biex l-intimat jizgombra mill-istess, prevja l-likwidazzjoni u hlas tal-benefikati legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata Angela Zerafa fit-18 ta' Novembru, 1981 fejn esponiet:

Illi l-ghalqa in kwistjoni maghrufa tal-Hrejja limiti tal-Hrieri fl-Ghaqba Haz-Zebbug kienet imqabbla lil binha Emmanuel Zerafa (kif jidher mill-annessa kopja fotostatika tal-ktieb tal-qbiela Dok A) li miet fis-16 ta' Jannar 1980 u fil-qbiela issubentrat l-armla ta' Emanuel Zerafa u ghaldaqstant Angela Zerafa titlob li tigi liberata ad observantia.

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-ghalqa mhix zdingata u Angelo Cutajar m'ghandhux bzonn l-ghalqa in kwistjoni.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjonijiet ta' l-imsemmija periti (fol 232 u fol 51).

Ikkunsidra:

1. L-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata (llum mejta) hi li r-raba kienet imqabbla lil binha Emanuel Zerafa li miet fis-16 ta' Jannar 1980 u li floku dahlet l-armla tieghu, Maria Assunta Zerafa. Ghalhekk l-intimata talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Biex issahhah din l-eccezzjoni l-intimata pprezentat erba' ricevuti tal-qbiela. Fit-22 ta'Awissu 1976 l-ircevuta saret fuq Emanuel Zerafa, l-istess fil-21 ta' Awissu 1977, fis-27 ta' Awissu 1978, fil-5 ta' Awissu 1979, fis-16 ta' Awissu 1980. Fl-ircevuta tal-1981 (il-jum u x-xahar mhux cari) jidher l-isem Angela Zerafa li gie maqtugh.

2. Ir-rikors gie prezentat fl-4 ta' Novembru 1981. Emanuel Zerafa kien miet.

3. Ir-rikorrent Angelo Cutajar (illum mejjet) fl-affidavit tieghu stqarr:

"Jiena nghid illi l-bicca raba' li kienet ta' Frangisku u Guiseppi Caruana kienet giet maqsuma fi tnejn. Il-parti ta' Frangisku Caruana baqa' jahdimha hu stess u l-parti ta' Guzeppi Caruana giet imqabbla lil Antonio Ciantar. L-imsemmi Antonio Ciantar miet, u l-art hadha ibnu Giovanni Ciantar – dejjem biex din l-ghalqa tinhadem. Giovanni Ciantar miet u l-art ghaddiet ghand oht Giovanni- cioe' Antonia Barbara mart Guiseppi Barbara. Fil-fatt l-art kien jahdimha Guiseppi Barbara. Gara li Guiseppi Barbara ma baqax jahdem l-art u ghaddieha lit-tifel ta' oht il-mara tieghu. Dan jigi Emanuel Zerafa. L-art dejjem tghaddi bil-patt li tinhadem. L-ghalqa kienet ghand Emanuel Zerafa mill-1976 cirka. Thallset qbiela ta' Lm5 (hames liri Maltin) kull sena mill-1976 sal-1981.

Tul il-perijodu taz-zmien li l-ghalqa kienet ghand Emanuel Zerafa …….” (fol 104)

4. Il-Bord jifhem li Antonia Barbara u Angela Zerafa kienu ahwa u twieldu Ciantar. Skond ir-rikorrent l-ghalqa qatt ma kienet f'idejn Angela Zerafa nee' Ciantar imma f'idejn binha mill-1976 u l-qbiela kien ihallasha hu.

5. Angela Zerafa li giet nieqsa wkoll tghid li missierha Antonio Ciantar kien qaleb ir-raba fuqha. Kienet tahdem hi ghax zewgha kien marid u hi qalbet ir-raba' fuq binha "billi ghidna b'dan lil ta' l-Ghammieri………. Minn hawn 'l quddiem ma kellhiex aktar x'naqsam ma' l-ghalqa, izda naf li ibni Emanuel baqa' jahdimha sa ma miet ta' 39 sena" (fol 121). Il-fatt li xi hadd imur l-Ghammieri u jaqleb ir-raba fuq haddiehor ma jistax jittiehed bhala prova. Ma ttellgha l-ebda rapprezentant tad-Dipartiment ghall-konferma u l-Bord jistenna l-ahjar prova. F'dak iz-zmien id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ma kienx jitlob il-kunsens tas-sid.

6. Paul Zammit xehed li kien jahdem l-ghalqa "ghall-intimata Angela Zerafa". Izid li "kien ighidli wkoll it-tifel Emanuel Zerafa biex nahdimha". (fol 128).

7. Ir-rikorrent ghamel affidavit fit-13 ta' Gunju 1998 wara li ghamel dak fuq imsemmi fit-8 ta' Gunju 1995. Fit-tieni wiehed jibdel il-versjoni u jghid li wiret l-ghalqa minghand zijjuh Giuseppi Caruana u qabbilha lil Angela Zerafa fl-1975. Raymond Cutajar bin ir-rikorrent ghamel affidavit fit-13 ta' Gunju 1998 u dwar min jghajjat ir-raba' isemmi lil Angela Zerafa. L-istess bint ir-rikorrent Marie Louise Cutajar (affidavit 17 ta' Gunju 1998 a fol 134). Bhalha huha Carmelo Cutajar (fol 135).

8. L-intimata ressqet bhala xhud lil Michael Vella li kien jahdem bil-mutur tal-hart "kull sena minn meta kien ghadu hajj Emanuel Zerafa………" (fol 145). Philip Zerafa xehed li nanntu kienet wirtet bi qbiela minghand missierha u kien hadha binha Emanuel, missieru (fol 149). Missieru kien ihallas il-qbiela li kienet tigi accettata. (ibid).

9. Dak li qal ir-rikorrent fl-ewwel affidavit tieghu li l-qbiela kienet fuq Emanuel Zerafa mill-1976 taqbel mar-ricevuti mressqa mill-intimata u ffirmata mir-rikorrent. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti ma jsemmux l-ewwel affidavit ta' missierhom imma biss it-tieni. Mehud in konsiderazzjoni dak kollu li ntqal il-Bord hu tal-fehma li l-intimata Angela Zerafa ma kienetx il-legittimu kontradittur u l-werrieta taghha assumew l-atti dejjem bir-riserva. Is-sid kien jaf. L-ewwel xehed mod u wara meta ntebah xehed mod iehor.

Il-Bord billi qed jilqa' din l-eccezzjoni ma jistax jidhol fuq il-mertu. Ghalhekk il-Bord jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju stante li laqa' l-ewwel eccezzjoni. Billi dawn il-proceduri ttawwlu u b'tama li jintlahaq ftehim l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------